**271. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin l-Onor. Guido de Marco u l-Onor. George Vella jipproponu:**

Wara li l-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ra l-Ombudsplan ippreżentat mill-Ombudsman għas-sena 1995/96 li kopja tagħha tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra fis-seduta tal-25 ta' Settembru, 1995;

Wara li sema' l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Ombudsman personalment fuq il-kummenti kollha li sarulu fil-laqgħa ta' l-istess Kumitat li saret fis-6 ta' Diċembru 1995;

Wara li t-traskrizzjoni ta' din il-laqgħa ġiet ċirkolata lill-Membri kollha tal-Kamra tad-Deputati; u

Wara r-rakkommandazzjoni li saret mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra,

Il-Kamra tad-Deputati tapprova l-Ombudsplan kif preżentat.

15.01.1996